# Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat

Student:
Franklyn Baldacchino

Tuturi:
Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia

# 1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ diversi kunċetti lingwistiċi, pereżempju, il-prinċipju tal-qlib tal-kodiċi, il-Malti Kontemporanju u kif dan tal-aħħar huwa distint mill-Malti Ingliż Imħallat. Nanalizza d-diskors li jingħad fuq xi programmi televiżivi permezz tal-kwestjonarju li tajt lil diversi informanti skont varjabbli soċjolingwistiċi differenti: is-sess, l-età u l-livell edukattiv.

## 2. Ħarsa lejn xi Termini Lingwistiċi

### 2.1 Il-Qlib tal-Kodiċi

Ħafna studjużi tas-soċjolingwistika jaqblu mat-tifsira tal-qlib tal-kodiċi li jagħtu Heller (1988) u Myers-Scotton (1993) bħala l-użu ta' aktar minn lingwa waħda f'konverżazzjoni waħda. Auer (1998) iwessa' t-tifsira tal-qlib tal-kodiċi billi jżid li persuna tista' taqleb il-kodiċi mhux bilfors minn lingwa għal oħra fl-istess taħdita iżda wkoll minn djalett, minn reġistri prosodiċi u paralingwistiċi, ngħidu aħna persuna tkun qiegħda titkellem bil-Malti Standard u taqleb għad-djalett ta' Ħal Qormi. Wei (1998) jinnota li għandhom jiġu kkunsidrati tliet fatturi kuntestwali meta wieħed janalizza l-qlib tal-kodiċi f'ambjent partikolari li huma: ir-relazzjoni bejn il-kelliema, l-ambjent fejn qiegħda sseħħ il-komunikazzjoni u s-suġġett li qiegħed jiġi diskuss.

### 2.2 Is-Self Lingwistiku

Fil-lingwistika nużaw it-terminu 'self' għax lingwa mhux kliem biss tissellef, iżda ħsejjes, regoli fonoloġiċi, morfemi, mudelli sintattiċi, assoċjazzjonijiet semantiċi, u l-bqija (Spagnol, 2008). Bħal kull lingwa oħra, il-Malti għandu bżonn in-neoloġiżmi biex ikompli jikber u jissaħħaħ. Kienet din it-taħlita ta' tipi differenti ta' self li tħaddmet bil-għaqal u b'suċċess biex għandna kliem u espressjonijiet li ngħaqdu mal-kumplament tal-vokabularju Malti u jinftiehmu mill-Maltin kollha (Mifsud, 2008). Ħafna min-neoloġiżmi llum ġejjin mill-Ingliż, iżda dari dawn in-neoloġiżmi kienu jiġu missellfa mit-Taljan. Fil-kuntest Malti, l-Ingliż huwa l-ilsien li jsellef għax qiegħed isellef il-kliem u l-Malti huwa l-ilsien li jissellef għax qiegħed jirċievi mill-Ingliż.

Skont Spagnol (2008) l-Angliċiżmi huma dawk "l-elementi lingwistiċi ġejjin mill-Ingliż li meta l-kelliema jużawhom ma jħossuhomx ta' lingwa oħra, barranin għal-lingwa tagħhom, imma jħossuhom komponenti tal-vokabularju Malti" (Spagnol, 2008: 240). Il-Maltin ħassew li kellhom bżonn jintroduċu l-kelma 'mowbajl' għax fir-ripertorju lessikali ma kellniex kelma ekwivalenti għall-kelma 'mowbajl' u għalhekk dan huwa eżempju ċar ta' self. Tant hu hekk li probabbilment anke persuna ta' ftit skola kapaċi tuża l-kelma 'mowbajl' u għalhekk dan jappartjeni għall-Malti Kontemporanju.

Axiaq (2008) jenfasizza d-distinzjoni li għandha ssir bejn it-trasferiment pożittiv u t-trasferiment negattiv. Bis-saħħa tat-trasferiment pożittiv, l-ilsien Malti jkompli jistagħna għax bih jiddaħħal kliem li ma jkollniex u li

eventwalment jista' jingħatalu libsa ortografika Maltija. Min-naħa l-oħra, it-trasferiment negattiv joħnoq dak li huwa eżistenti u li għadu ħaj ('nappy' flok 'ħarqa', 'shark' flok 'kelb il-baħar', 'iwwoċċja' flok 'ra', 'ibbrestfidja' flok 'redda'', 'ibbildja' flok 'bena', u 'ixxejvja' flok 'qaxxar'. Madankollu, irridu noqogħdu attenti għax xi drabi kelma Ingliża tieħu tifsira differenti meta tkun użata f'kuntest ieħor (ara Tabella 1). F'dan il-każ il-kelma titqies bħala żvilupp pożittiv.

**<u>Tabella 1: Kliem użat f'kuntesti differenti</u>**

| Kelma Ingliża | Kuntesti differenti | | Verżjoni korretta |
|---|---|---|---|
| ibbejkja | L-isprejer ibbejkja l-vettura. | ✔ | |
| | Il-furnar ibbejkja l-ftajjar. | ✖ | Il-furnar ħema l-ftajjar. |
| immiksja | Id-DJ immiksja l-mużika. | ✔ | |
| | Il-kok immiksja t-taħlita. | ✖ | Il-kok ħallat it-taħlita. |
| issejvja | Toni ssejvja d-dokument fil-pendrive. | ✔ | |
| | Pietru ssejvja t-tappijiet tal-plastik. | ✖ | Pietru ġemma' t-tappijiet tal-plastik. |

Farrugia (1998) jgħid li teoretikament huwa possibbli li noħolqu neoloġiżmi minn għeruq Semitiċi jew minn zkuk Rumanzi biex inwessgħu t-tifsira ta' kliem eżistenti. B'dan il-mod inkunu nistgħu rrażżnu l-influss qawwi ta' kliem Ingliż fil-Malti speċjalment fid-diskors (Farrugia, 1998). Fl-istess ħin ifakkarna li l-lingwa m'għandhiex tiġi sfurzata fuq il-poplu, iżda għandha tiżviluppa u tevolvi kemm jista' jkun b'mod naturali. Fl-opinjoni tiegħi, għandna nsibu t-triq tan-nofs; ma għandniex nerġgħu nqajmu xi kelma arkajka li ma għadhiex f'fomm il-Maltin meta għandna kelma Ingliża li diġà ndrat mill-Maltin, iżda lanqas ma għandna ndaħħlu bl-addoċċ kliem Ingliż bl-iskuża li l-Malti ma jaqdiniex jew għax tkun l-ewwel kelma li tiġina f'moħħna dak il-ħin, speċjalment meta niġu għall-kitba.

## 2.3 Il-Malti Ingliż Imħallat

Borg (1988) u Sciriha (1994) osservaw li l-Malti Ingliż Imħallat jidher li huwa prominenti f'fomm iż-żgħażagħ, speċjalment dawk li għandhom livell ta' edukazzjoni terzjarja. Fil-fehma ta' Sciriha (1994) il-Malti Ingliż Imħallat issibu l-aktar f'fomm in-nies li rari jitkellmu bil-Malti jew bl-Ingliż kompletament mal-qraba u mal-ħbieb. Madankollu, Borg (1988) hu preokkupat li din il-varjetà mħallta mhijiex biss akkwistata bħala lsien nattiv iżda qiegħda tiżviluppa bħala djalett soċjali għaliha fit-tfal. Naqbel ma' Briffa (1994) meta jgħid li meta l-ġenituri jkellmu lil uliedhom bil-Malti Ingliż Imħallat, it-tfal ikunu qegħdin jiġu mċaħħda miż-żewġ ilsna għaliex ikunu qegħdin jiġu esposti għal taħdit imfarrak, mimli interferenzi minn ilsien għal ieħor. Għal diversi lingwisti, bħal Borg u Sciriha, din il-varjetà titqies bħala theddida għall-iżvilupp tal-Malti, iżda min-naħa l-oħra, Gumperz (1971) u Bonanno (2007) jirrikonoxxu li l-qlib tal-kodiċi huwa proċess naturali għat-tfal bilingwi għax it-tfal ikunu qegħdin isegwu d-diskors tal-adulti. Spiteri (1988) u Sciriha (1994), min-naħa l-oħra, jikkummentaw li l-qlib tal-kodiċi huwa kawża ta' nuqqas ta' prattika f'lingwa partikolari jew inkella jseħħ minħabba għażż mentali.

## 2.4 Il-Malti Kontemporanju

Qabelxejn, irridu nqisu li lsienna ilu għaddej minn proċess importanti ta' żvilupp biex jiddaħħal kliem speċjalizzat, pereżempju lessiku marbut mat-teknoloġija u x-xjenza, biex il-Malti jaġġorna ruħu. Ħafna mill-kliem meqjus bħala Malti Kontemporanju huwa marbut mal-apparat teknoloġiku li nsibu fid-dar, eż. 'microwave', 'cooker', 'heater', 'air conditioners' u 'vacuum cleaner'; mal-partijiet tal-karozza, eż. 'steering', 'wipers', 'bonnet', 'windscreen', 'clutch' u 'bumper'; mal-informatika, eż. 'monitor', 'tower', 'keyboard', 'mouse', 'internet', 'software' u 'database' u kliem marbut mal-isports, eż. 'referee', 'ground', 'penalty', 'player' u 'goal' illum jitqies bħala Malti Kontemporanju. Dan jista' jingħad ukoll għall-kliem marbut mal-ġeneri tal-mużika, eż. 'pop', 'ballad', 'disco', 'jazz', 'rap' u 'country' u mal-ħwejjeġ, eż. 'blazer', 'jersey', 'shorts', 'T-shirt' u 'jeans'. Madankollu, irridu nkunu prattiċi meta niġu biex niddistingwu l-Malti Kontemporanju mill-Malti Ingliż Imħallat. Għalkemm għandna l-forma Maltija 'tarbija' għal 'baby', xorta waħda l-maġġoranza tal-kelliema Maltin jużaw 'baby' u għalhekk nistgħu ngħidu li infiltrat fil-Malti u hawn naqbel ma' Borg (2016) li nistgħu nqisuha bħala Malti Kontemporanju.

# 3. Il-Metodoloġija

## 3.1 L-Għażla tal-Metodu għal dan l-Istudju

Il-kwestjonarju kien l-aħjar metodu biex stajt niġbor id-data kwantitattiva b'mod oġġettiv u xjentifiku. Għall-kwestjonarju kelli 160 informant li kienu maqsumin skont il-varjabbli soċjolingwistiċi li għażilt li nistudja: l-età, is-sess u l-livell ta' edukazzjoni li għandhom ir-rispondenti. Peress li Borg (2016) għażlet l-istazzjon tat-TVM, kienet deċiżjoni tiegħi li nagħżel l-istazzjon ta' Net Television biex b'hekk il-programmi li nagħżel ma jkunux l-istess bħal tagħha. Wara għażilt il-programmi li se nkun qiegħed nistħarreġ mil-lat lingwistiku; *Replay* (programm dwar l-isports), *Akila* (programm dwar il-moda) u *Mirja* (programm dwar is-saħħa mentali).

## 3.2 Ir-Rispondenti tal-Kwestjonarju

Il-parteċipanti fil-kwestjonarju, li jaqgħu taħt kategoriji differenti, ingħataw diversi sentenzi li ħadt minn diskorsi ta' diversi preżentaturi ta' programmi differenti. Wara li spjegajtilhom id-differenza bejn iż-żewġ realtajiet tal-Malti Kontemporanju u l-Malti Ingliż Imħallat, kellhom jindikawli liema sentenzi, fil-fehma tagħhom, huma bil-Malti Kontemporanju jew bil-Malti Ingliż Imħallat. Meta ġbart l-informazzjoni analizzajt jekk l-ewwel nett għarfux jagħmlu distinzjoni bejn iż-żewġ realtajiet u barra minn hekk, jekk varjabbli soċjolingwistiku partikolari affettwax il-ġudizzju tal-informanti.

## 3.3 Il-Varjabbli Soċjolingwistiċi

Skont Borg (1988), is-sess huwa aspett relevanti fis-soċjolingwistika. Fil-fatt, f'wieħed mill-istudji tiegħu sab it-tendenza li "n-nisa li jafu żewġ varjetajiet jużaw iktar il-Malti Standard milli d-djalett, waqt illi l-irġiel li huma wkoll jafu żewġ varjetajiet jużaw iktar id-djalett mill-Malti Standard" (Borg, 1988, pp. 12-13). B'mod ġenerali jidher li n-nisa huma lingwistikament aktar progressivi mill-irġiel. Minkejja dan, Sciriha (1994) ipprovdiet evidenza li s-sess bħala fattur ma tistax tikkunsidrah waħdu iżda trid tqisu flimkien mal-età. B'hekk kien utli li nagħżel ukoll il-fattur tal-età. Min-naħa l-oħra, l-etajiet li kont se nikkunsidra frixthom sew biex ir-riżultati jkunu verament rappreżentattivi tal-etajiet. Dan għaliex il-lingwaġġ taż-żgħar (li għandhom bejn 18 u 30 sena) x'aktarx ivarja mil-lingwaġġ ta' dawk li għandhom aktar minn 55 sena. Apparti dawn iż-żewġ varjabbli

ddeċidejt li nikkunsidra l-livell edukattiv għaliex f'diversi xogħlijiet u studji (eż. Sciriha, 1994) irriżulta li l-livell tal-edukazzjoni jaffettwa l-frekwenza tal-qlib tal-kodiċi fit-taħdit. Minħabba l-fatt li kemm fl-Università kif ukoll fil-livell postsekondarju (eż. Junior College, Giovanni Curmi Higher Secondary School, MCAST) l-istudenti huma aktar esposti għall-Ingliż, aktarx kont nistenna li jużaw aktar il-qlib tal-kodiċi. Għalhekk, kont nistenna li rispondent li jkun kompla jistudja wara s-sekondarja jagħżel sentenza, (li skont il-lingwisti hija b'Malti Ingliż Imħallat) u jiġġudikaha bħala Malti Kontemporanju għax tant kemm juża l-Ingliż waqt il-lekċers li ma jagħmilx distinzjoni bejn il-Malti Kontemporanju u l-Malti Ingliż Imħallat, speċjalment jekk l-informant innifsu jitkellem bil-Malti Ingliż Imħallat. Għalkemm ma kkunsidrajtx il-ġeografija fl-analiżi tiegħi, xorta waħda t-tentattiv tiegħi kien li nagħżel parteċipanti minn kull naħa ta' Malta biex b'hekk il-kampjun ikun rappreżentattiv kemm jista' jkun.

# 4. L-Analiżi

Eżaminajt xi kriterji ta' natura soċjolingwistika, lessikografika u morfosintattika, li setgħu kienu utli biex nanalizza l-kliem Ingliż impoġġi fis-sentenzi li ġew mogħtija lir-rispondenti. L-osservazzjonijiet jidhru fit-taqsimiet li ġejjin.

## 4.1 Il-Karatteristiċi tal-Malti Kontemporanju

Xi kliem, minkejja li huwa Ingliż, ma jistax jitqies bħala Malti Ingliż Imħallat, primarjament għax ma jkollniex kelma Maltija ekwivalenti għall-kelma Ingliża. Fir-reġistru tal-football x'aktarx li ma tkunx teżisti kelma nattiva li tikkorrispondi għall-kelma Ingliża u għalhekk nużaw il-kelma missellfa, pereżempju: 'goals', 'corner', 'football', 'player', 'penalty', 'referee', 'league', 'ground' u 'coaches'. B'mod ġenerali, il-lessiku marbut mal-football tqies bħala Malti Kontemporanju kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel, miż-żgħar u mill-kbar u anke minn dawk li għandhom edukazzjoni sekondarja u li komplew l-istudji tagħhom f'livell terzjarju. Hemm ukoll xi kliem marbut mad-dinja tal-moda, ngħidu aħna: 'make-up', 'eye-shadow', 'moisturiser', il-kulur 'mustard' u 'highlights' li jkollna nużawh ladarba ma għandniex kliem Malti minfloku.

## 4.2 Il-Karatteristiċi tal-Malti Ingliż Imħallat

Huwa veru li l-Malti xi drabi ma jaqdiniex f'ċertu lessiku u b'hekk irridu nużaw il-kelma missellfa mill-Ingliż, pereżempju kliem marbut mad-

dinja teknoloġika u tal-informatika, mal-isports u mal-ħwejjeġ, imma jekk forsi naħsbu ftit, nindunaw li teżisti xi kelma jew frażi Maltija li nistgħu nużaw minflok l-Ingliża. Barra minn hekk, meta nkunu qegħdin nużaw il-forma Maltija, inkunu qegħdin nikkonservaw il-kliem Malti biex ma jintilifx. Pereżempju nistgħu ngħidu 'tibdila' minflok 'outfit', 'dehra' minflok 'look', u 'disinjaturi' minflok 'designers'. Għal ċertu kliem marbut mal-partijiet tal-ġisem, nistgħu nużaw il-forma Maltija, ngħidu aħna 'ħuġbejn' minflok 'eyebrows', 'sider' minflok 'bust', 'qadd' minflok 'waist', 'ġenb' minflok 'hip'. Għal ċertu kliem marbut mas-saħħa mentali tista' tintuża l-kelma/frażi Maltija minflok il-forma Ingliża, ngħidu aħna 'waħdu' jew 'solitarju' minflok 'lonely', 'programm ta' riabilitazzjoni' minflok 'rehabilitation programme', 'terapija tal-familja' minflok 'family therapy', 'fejqan mill-ġdid' minflok 'recovery' u 'anzjuż' jew 'ibati mit-tensjoni' minflok 'tensed'.

## 4.3 Verbi Ingliżi b'inflessjoni Maltija

Kważi kull verb Ingliż li jiddaħħal fil-Malti jiġi addattat morfoloġikament. Kull verb mill-Ingliż jista' jiġi konjugat anke jekk diġà għandna verb ekwivalenti għalih bil-Malti. Però l-kelliema kienu kapaċi jagħmlu differenza bejn zkuk verbali li huma meħtieġa u dawk li nistgħu ngħaddu mingħajrhom. Jien analizzajt il-verbi mil-lat taz-zkuk verbali, skont il-ġudizzju tal-kelliema. Pereżempju, iz-zkuk '-skor-' u '-ddrillja-' fil-fehma tal-informanti huma neċessarji fil-Malti għax ma għandniex verbi li għandhom l-istess tifsira bħalhom. Minflok iz-zokk '-approwċja-' jista' jintuża l-verb 'avviċina'. Iz-zokk '-impruvja-' huwa komuni ħafna fit-taħdit, tant li ħafna jippreferu jużaw lilu milli l-verb 'tejjeb'. Fl-opinjoni tiegħi, iz-zokk '-ttargitja-' huwa ta' ħsara għall-Malti speċjalment għax fil-Malti għandna l-verb ekwivalenti 'immira' jew fil-każ tas-sentenza *Il-mediċina se tittargitja s-sintomi tad-dipressjoni*, nippreferi nuża 'intenzjonata biex tikkura'.

## 4.4 Il-kuntest tal-kelma

Għall-ewwel darba fl-istudju tas-soċjolingwistika tal-Malti, dan ix-xogħol wera korrelazzjoni pjuttost ċara bejn il-kuntest tal-kelma u l-ġudizzju tal-informant f'dan il-qasam. Skont ir-riżultati, il-kelliema għamlu distinzjoni bejn il-kliem li ntuża f'kuntesti differenti. Pereżempju l-160 informant qiesu l-kelma 'goals' (fil-kuntest tal-isports) bħala Malti Kontemporanju iżda 'goals', fis-sentenza *Il-goals ta' dan it-taħriġ huma li jagħmlu l-ħbieb u jintegraw fis-soċjetà,* aktar minn 65% tar-rispondenti qisuha bħala

Malti Ingliż Imħallat. Dan għaliex għandna l-kelma Maltija 'għanijiet' li tista' tintuża minflok 'goals'. Mit-tweġibiet tal-kelliema jidher li ddistingwew in-nom 'mustard' (il-kulur) mill-'mustard' (il-mustarda li tittiekel). Fil-fatt, aktar minn 85% tar-rispondenti aċċettaw il-kulur 'mustard' bħala Malti Kontemporanju iżda min-naħa l-oħra aktar minn 80% tal-kelliema kkunsidraw 'mustard' (li tiekol) bħala taħlita ta' Malti u Ingliż speċjalment dawk li waqfu jistudjaw sas-sekondarja. Għall-kelma 'penalty' (marbuta mal-isport), il-160 informant aċċettawha bħala Malti Kontemporanju iżda ma nistgħux ngħidu l-istess għall-istess kelma użata fis-sentenza *Il-pulizija tani penalty għax ħriġt iż-żibel qabel suppost* għax ftit aktar minn 85% qisuha bħala Malti Ingliż Imħallat, speċjalment dawk li waqfu jistudjaw sas-sekondarja. Dan għaliex f'dan il-kuntest għandna l-kelma 'ċitazzjoni' li tista' toqgħod tajjeb minflokha f'dan ir-rigward. F'xi kuntesti simili jingħad ukoll il-kliem: 'multa', 'penali' u 'penalità'.

## 4.5 L-impjieg tal-kelliema

L-impjieg tar-rispondenti seta' affettwa t-tweġibiet tagħhom. Tant hu hekk, li xi beauticians jużaw ta' spiss il-verb 'jixxejpjaw' u għalhekk kien hemm min ikkunsidra dan il-verb bħala Malti Kontemporanju. Għal dawk in-nies li jaħdmu fil-qasam tal-moda u tal-ħjata, huwa normali li jużaw lessiku Ingliż marbut ma' dan ix-xogħol u b'hekk huwa naturali għalihom li jikkunsidraw dan il-kliem bħala Malti ta' żmienna. Dan japplika wkoll għat-tobba u l-ispeċjalisti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa għaliex ħafna drabi jużaw il-kelma jew il-frażi Ingliża meta jikkomunikaw mal-kollegi jew mal-pazjenti tagħhom.

## 4.6 Tqabbil bejn l-oqsma semantiċi differenti

It-termini mir-reġistru tal-isports kienu fost l-aktar elementi li ġew aċċettati mill-informanti tal-kwestjonarju bħala Malti Kontemporanju, għaliex il-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem ma għandniex kliem ekwivalenti għalih fil-Malti għajr forsi 'first division' u 'highlights'. Fil-qasam tal-moda, diġà beda jinfiltra kliem Ingliż. Hemm kliem Ingliż li neħtiġuh speċjalment jekk ma għandniex kelma li taqdina fil-Malti, iżda hemm kliem ieħor li nistgħu ngħaddu mingħajru. Dan rajtu fit-tweġibiet li taw l-informanti tal-kwestjonarju, pereżempju aċċettaw diversi kliem (li qisuh Malti Kontemporanju) bħal 'make-up', 'eye-shadow', 'moisturiser', 'catwalk' u 'highlights' (tax-xagħar) iżda mill-banda l-oħra, ċerti kelliema rreżistew xi kliem ieħor għax ħassew li qiegħed

idgħajjef il-Malti, pereżempju: 'look', 'nimmexerjaw', 'nixxejpjaw', 'flat-chested' u 'pear-shape'. Peress li l-għarfien favur is-saħħa mentali huwa pjuttost reċenti, il-kelliema rreżistew xi kliem minn dan il-qasam, ngħidu aħna 'recovery', 'tensed' u 'lonely' imma l-maġġoranza aċċettaw kliem, bħal 'depression', 'stigma' u 'counsellors'.

## 4.7 Il-Kliem Missellef skont is-Sess

Ma jidhirx li kien hemm differenzi kbar fit-tweġibiet li ngħatajt mill-informanti ta' sess differenti. Però t-tendenza hi li kien hemm aktar nisa li aċċettaw ċertu kliem missellef mill-Ingliż bħala Malti Kontemporanju milli Malti Ingliż Imħallat f'dak li għandu x'jaqsam mal-moda u s-saħħa mentali. Naturalment, peress li l-qasam tal-moda huwa tipikament assoċjat man-nisa, kien mistenni li n-nisa se jkunu aktar familjari ma' dan il-kliem Ingliż u jikkunsidrawh bħala Malti ta' Żmienna. Min-naħa l-oħra, il-lessiku missellef li għandu x'jaqsam mal-qasam sportiv aktarx jintuża aktar mill-irġiel milli min-nisa.

## 4.8 Il-Kliem Missellef skont Ġenerazzjonijiet Differenti

Id-differenza bejn ir-riżultati miksuba mill-informanti ta' etajiet differenti kienet waħda minima. Fil-qasam tal-isports u tal-moda kien hemm xebh bejn ir-risposti mogħtija miż-żewġ ġenerazzjonijiet differenti. Madankollu, kien hemm distakk bejn it-tweġibiet li tawni r-rispondenti l-kbar u dawk żgħar f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa mentali.

## 4.9 Il-Kliem Missellef skont il-Livell Edukattiv

Kont nistenna li l-informanti li għandhom edukazzjoni terzjarja kienu se jqisu xi kliem Ingliż li diġà għandna kliem ekwivalenti għalih fil-Malti bħala Malti Kontemporanju. Għal xi kliem tekniku, pereżempju dak marbut mas-saħħa mentali kienu lingwistikament aktar progressivi u aċċettawh bħala Malti Kontemporanju. Min-naħa l-oħra, l-informanti li waqfu jistudjaw sas-sekondarja kienu aktar konservattivi u xi kliem u frażijiet Ingliżi li ilhom li daħlu fil-Malti qisuhom bħala Malti Ingliż Imħallat. Però, mhux l-istess jista' jingħad għall-kliem marbut mal-qasam tal-isports li, forsi għax huwa aktar komuni fit-taħdit tal-Maltin, tqies bħala Malti Kontemporanju mqar mill-maġġoranza tal-informanti li waqfu jistudjaw sas-sekondarja.

## 5. Għeluq

Il-Malti Kontemporanju normalment jiġbor fih kliem tekniku marbut ma' oqsma bħat-teknoloġija u

l-informatika, u mal-isports, fost oħrajn. Però, f'din it-teżi ħareġ ukoll kliem ieħor marbut mal-qasam tal-moda u mas-saħħa mentali li nistgħu nqisuh bħala varjetà tal-Malti Kontemporanju. Il-Malti Ingliż Imħallat huwa varjetà pjuttost komuni fit-taħdit tal-Maltin. Fl-opinjoni tiegħi jeħtieġ li nibdew nużaw it-terminu Malti Kontemporanju jew almenu Malti Standard Modern biex b'dan it-terminu nkunu qegħdin niġbru wkoll il-kliem Ingliż ġdid li huwa indispensabbli għall-Malti. Jekk nużaw dan it-terminu, il-poplu Malti għandu mnejn isir aktar konxju li l-Malti qiegħed iwessa' l-mekkaniżmi tiegħu biex jagħmel tajjeb għal meta l-Malti ma jaqdiniex.

# Biblijografija


Auer, P. "Bilingual Conversation Revisited." F'Peter Auer (Ed.), *Code-switching in Conversation: Language, interaction and identity* (pp. 1-24). New York, NY: Routledge, 1998.

Axiaq, J. "Il-Fehmiet tal-Kontributuri." *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta' Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 36-40). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Bonanno, K. *Children's Use of Language and Code-switching in the Nursery School.* Teżi tal-BA (Unuri) fl-Ingliż. L-Imsida: L-Università ta' Malta, 2007.

Borg, A. *Ilsienna - Studju Grammatikali*. Ħas-Sajjied: Penprint Ltd, 1988.

Borg, C. *Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat?* Teżi tal-BA (Unuri) fil-Malti. L-Imsida: l-Università ta' Malta, 2016.

Briffa, C. *Il-Bilingwiżmu f'Malta*. Malta: Valletta Publishing, 1994.

Farrugia, G. "Il-Malti Lsien Imħallat." F'Karl Borg (Ed.), *Lingwa u Lingwistika* (pp. 277-291). Klabb Kotba Maltin, 1998.

Gumperz, J. J. *Language in Social Groups*. Stanford, CA: Stanford University Press, 1971.

Heller, M. "Introduction." F'Monica Heller (Ed.), *Codeswitching: Anthropological and Sociolinguistic Perspectives* (pp. 1-24). Berlin: Mouton de Gruyter, 1988.

Mifsud, M. "Il-Fehmiet tal-Kontributuri." *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta' Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 181-185). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Myers-Scotton, C. *Social Motivation for Code-Switching: Evidence from Africa*. Oxford: Clarendon, 1993.

Sciriha, L. Sociolinguistic Aspects of Language Use in Malta. F'Joseph Brincat (Ed.), *Languages of the Mediterranean: substrata, the Islands, Malta: proceedings of the Conference held in Malta, 26-29 September, 1991* (pp. 314-323). L-Imsida: L-Istitut tal-Lingwistika, l-Università ta' Malta, 1994.

Spagnol, M. "Il-Fehmiet tal-Kontributuri." *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta' Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 239-255). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Spiteri, A. *A Grammatical Analysis of Select Mixed Maltese English Features.* Teżi tal-B.Ed (Unuri). L-Imsida: l-Università ta' Malta, 1988.

Wei, L. "The 'why' and 'how' questions in the analysis of conversational code-switching." F'Peter Auer (Ed.), *Code-switching in Conversation: Language, interaction and identity* (pp. 156-179). New York, NY: Routledge, 1998.